**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 463/2009**

**Illum: 19 ta' Mejju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Patrick Mangion**
**ID 68773(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Patrick Mangion ta' 38 sena, bin Anthony u Jane nee` Camilleri, imwieled Qormi fit-30 ta' Jannar 1973 u residenti fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 68773(M);

Akkuzat talli fl-20 ta' Frar 2009 u xhur qabel din id-data, waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita` cioe` ta' CO143 Noel Buttigieg u CO116 Helenio Galea, jew ta' whud li kienu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom, waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallihomx jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati li jaghmlu jew billi hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun.

B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet il-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser telenka l-*iter* processwali sabiex jigi mifhum ahjar x'wassal ghall-imputazzjonijiet odjerni.

Jirrizulta mill-atti illi originarjament, l-imputat gie akkuzat talli "f'dawn il-gzejjer, fl-20 ta' Frar 2009 ghall-habta tal-10:30 a.m. u matul l-ahhar xhur qabel din id-data", waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, kellu fil-pussess tieghu d-

droga eroina, apparti b'imputazzjoni ohra ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-istess Kapitolu 9. It-tahrika relattiva gietipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-18 ta' Awwissu 2009.

Jirrizulta wkoll illi sussegwentement permezz ta' digriet tas-17 ta' Jannar 2011, il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-frazi 'u matul l-ahhar xhur qabel din id-data' tigi kancellata.[1]

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011, xehed l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u pprezenta r-relazzjoni tieghu, mil-liema relazzjoni jirrizulta illi fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella fid-dokument li gie moghti ghall-analizi tieghu, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis.[2]

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2012, gie vverbalizzat illi l-Ufficjal Prosekutur "qed jissostitwixxi c-*charge sheet* u minflok pussess ta' droga eroina hemm *inter alia* akkuza tal-pjanta *cannabis*". Mill-istess verbal jirrizulta wkoll illi l-Ufficjal Prosekutur innotifika lill-imputat b'din it-tahrika gdida *seduta stante* u li l-imputat ta ruhu b'notifikat.[3] Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma baqghetx dik li tikkontempla r-reat ta' pussess semplici ta' droga eroina, izda giet mibdula ghal dik odjerna ossia dik li tikkontempla r-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*. Il-bqija tal-imptuazzjonijiet baqghu l-istess, salv illi l-addebitu tar-recidiva ma baqax jirreferi wkoll ghall-Artikolu 289 tal-Kap. 9, izda biss ghall-Artikoli 49 u 50 tal-istess Kapitolu.

Sussegwentement, meta l-kawza kienet diga` tinsab differita ghat-trattazzjoni finali, il-Prosekuzzjoni talbet illi jixhed ix-Xjenzat Godwin Sammut u jigu rtirati kemm ir-relazzjoni tieghu, kif ukoll is-sustanza esebita fl-atti, sabiex dawn jigu esebiti fi proceduri ohrajn, fil-waqt illi fil-proceduri odjerni, jigu esebiti s-sustanza u r-relazzjoni tal-espert konnessi mal-kaz odjern.[4] Dan ghaliex, kif jirrizulta mix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut[5], fil-kawza odjerna, bi zvista l-istess espert ipprezenta sustanza u relazzjoni dwar kaz iehor ta' pussess ta' droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li kien jinvolvi terza persuna, mhux konnessa ma' dan il-kaz, liema kaz kien sehh fl-istess jum bhal kaz odjern. Jghid l-istess espert,

---

[1] Ara l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2011 (a fol. 16 tal-process).
[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 52 tal-process.
[3] Ara dan il-verbal a fol. 53 tal-process.
[4] Ara n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, a fol. 116 tal-process.
[5] A fol. 117 sa 121 tal-process.

illi s-sustanza involuta fil-kaz odjern effettivament kienet droga eroina u ghalhekk mhux raza tal-*cannabis.*

B'digriet taghha tat-18 ta' Frar 2016, il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tigi esebita xi sustanza jew relazzjoni tal-espert Godwin Sammut in konnessjoni mal-istess sustanza u dan in vista tal-istadju inoltrat li fih kienu waslu dawn il-proceduri.

L-imputat baqa' u ghadu akkuzat bil-pussess semplici tar-raza tal-*cannabis,* skont it-tahrika li biha huwa gie notifikat fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2012.

Jirrizulta ampjament ghalhekk kemm min-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-23 ta' Dicembru 2015, kif ukoll mix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut appena msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, illi s-sustanza esebita fl-atti ma kinitx is-sustanza mertu tal-kaz odjern. Dan naturalment fih inniffsu diga` jqajjem dubji kbar dwar il-mod kif giet konservata l-prova fl-in genere dwar dan il-kaz. Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, esebita fl-atti, jirrizulta kif inghad izjed 'il fuq, illi d-dokument analizzat minnu kien jikkonsisti f'bicca *aluminium foil* li kien fih bicca sustanza ta' lewn kannella u li f'din is-sustanza nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis.[6] Effettivament, fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, CO 116 Helenio Galea jispjega kif fil-jum in kwistjoni, f'Divizjoni 12, wara li l-Ufficjali tal-Habs osservaw lill-imputat odjern u lil certu Silvio Camilleri dehlin f'cella u jaghlqu l-bieb warajhom, l-istess Ufficjali tal-Habs dahlu fuqhom, f'liema hin, huwa nnota lill-imputat bil-qeghda b'karta bi trab fuqha, jifred b'sikkina u lil Silvio Camilleri hdejn il-bieb. Huwa jghid illi l-imputat ghaffeg din il-karta u pprova jarmiha mit-tieqa 'l barra, izda din waqfet fil-hogor tat-tieqa. Jghid ukoll illi huwa gabar din il-karta, f'liema karta kien hemm it-trab.[7] Da parti tieghu, CO 143 Noel Buttigieg jghid illi x'hin dahlu fic-cella numru 9, sabu lill-imputat u lil Camilleri bil-wieqfa u li dawn kellhom affarijiet suspettuzi fuq karta bajda. Jghid illi ppruvaw iferrxuha jew jarmuha mit-tieqa u li f'karta tax-xirja kien hemm trab qisu kannella car.[8] Ir-ritratti esebiti minn PS 826 Matthew Parnis, nominat bhala *Scene of the Crime Officer* fl-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, ma jaghtu l-ebda hjiel dwar is-sustanza in kwistjoni, stante li dawn juru biss l-*envelope* li fih giet ipprezervata l-istess sustanza.[9] Fix-xhieda tieghu, imbaghad, Silvio Camilleri, ossia l-persuna li kien fic-cella mal-imputat odjern, hekk kif l-Ufficjali tal-Habs dahlu fuqhom, jghid illi dakinhar huwa kien ghadu kif

[6] Ara r-relazzjoni a fol. 52 tal-process.
[7] Ara x-xhieda ta' CO 116 Helenio Galea (a fol. 35 sa 40 tal-process).
[8] A fol. 41 sa 45 tal-process.
[9] Ara r-relazzjoni a fol. 57 tal-process.

akkwista pakkett eroina u li dahal bih fic-cella tal-imputat, meta ftit tal-mumenti wara dahlu l-Ufficjali tal-Habs. Issa ghalkemm il-Qorti mhux necessarjament temmen dak kollu li qal Camilleri fix-xhieda tieghu, biss din il-parti tax-xhieda ta' Camilleri ossia illi s-sustanza in kwistjoni kienet droga eroina, hija korroborata kemm mill-fatt illi z-zewg Ufficjali tal-Habs jindikaw illi s-sustanza fil-karta in kwistjoni kienet tikkonsisti fi trab – u certament li raza tal-*cannabis* ma tkunx solitament f'din il-forma – kif ukoll bil-fatt illi x-Xjenzat Godwin Sammut stess jghid illi bi zvista huwa kien esebixxa, f'din il-kawza, sustanza (ossia raza tal-*cannabis*) u relazzjoni li kellhom jigu esebiti f'kawza ohra fil-konfront ta' terza persuna u li s-sustanza f'dan il-kaz kienet droga eroina.

Ghaldaqstant, la darba jirrizulta car fil-fehma tal-Qorti illi s-sustanza mertu tal-kawza odjerna ma kinitx is-sustanza analizzata mill-espert u deskritta minnu bhala raza tal-*cannabis*, meta permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat bil-pussess ta' tali sustanza, il-Qorti tqis illi jkun inutli li tidhol fil-mertu dwar jekk l-imputat kienx fil-pussess tad-droga eroina o meno fil-jum in kwistjoni. Konsegwentement, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat bir-reat kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa f'dan ir-rigward, kif tajjeb issottomettiet id-difiza, la darba fil-21 ta' Marzu 2012, l-imputat gie notifikat mill-gdid bit-tahrika odjerna, in segwitu ghall-korrezzjoni fl-ewwel imputazzjoni mitluba mill-Prosekuzzjoni u koncessa mill-Qorti, sa dakinhar l-azzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni kienet preskritta bit-terminu ta' tliet xhur preskrittiv applikabbli ghar-reati kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9. Mhux biss, izda jirrizulta wkoll fi kwalunkwe kaz illi anke sal-ewwel dehra quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fil-15 ta' Marzu 2010, l-azzjoni dwar din l-imputazzjoni diga` kienet preskritta. Apparti illi l-Prosekuzzjoni ma esebietx l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat u ghalhekk ghal fini ta' notifika, il-Qorti tista' biss torbot mad-data tal-ewwel udjenza li fiha l-imputat deher, fejn bil-presenza tieghu, huwa kien qed jikkonferma n-notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti, f'liema data, wkoll it-terminu ta' tliet xhur kien skada, izjed minn hekk, it-tahrika originali giet intavolata fir-Registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Awwissu 2009 ossia wkoll wara l-iskadenza tat-terminu tal-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni hija preskritta.

L-imputat gie addebitat ukoll bir-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  La darba f'dan il-kaz ma qeghda tinstab l-ebda reita` fl-imputat, isegwi ghalhekk illi lanqas jista' jinstab illi huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi tiddikjara l-azzjoni fir-rigward tat-tieni imputazzjoni bhala preskritta fit-termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess.

Stante illi m'hijiex qed issib htija fl-imputat, konsegwentement lanqas m'hija tordna l-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat